MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 41/2000/1

Agent Kummissarju ta l-Art

Vs

Paul Busuttil, John Busuttil, Francis Zammit, Michael Busuttil f'ismu proprju u f'isem l-assenti Paul Richard Busuttil

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Agent Kummissarju ta l-Art li jesponi bir-rispett:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 6 ta Lulju 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-limiti ta Hal Safi tal-kejl circa tlett mija u ghoxrin metri kwadri (320m$^2$ ) u tmiss mill-majjistral ma proprjeta tal-werrieta ta Pia Zammit, mill-

grigal ma proprjeta ta Emanuel Busuttil u mil-lbic ma Triq Sant'Andrija huwa ta tnax –il elf u hames mitt Lira Maltija (Lm12,500) kif jidher mir-rapport tal-perit Fred H Valentino A&CE tat-23 ta Mejju 2000 li kopja tieghu Dok A Hija annessa ma l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-18 ta Lulju 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta mija u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm120,000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhal Nutar tad-Dipartiment ta l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippublika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta tal-intimati Paul Busuttil, John Busuttil, Francis Zammit, Agnes Zammit u Michael Busuttil f'ismu proprju u f'isem l-assenti Paul Richard Busuttil bir-rispett kollu jaghmlu referenza ghall-ittra ufficjali tar-rikorrent tas-6 ta Lulju 2000 b'liema ittra huma gew avzati u nnotifikati b'kopja ta dikjarazzjoni tal-President ta Malta tax-xahar ta Lulju 1995 fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-propjeta art fil-limiti ta Hal Safi tal-kejl ta Madwar 320 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma proprjeta tal-werrieta ta Pia Zammit, mil-Grigal ma proprjeta ta Emanuel Busuttil u mil-Lbic ma Triq Sant'Andrija, hija mehtiega ghal skopijiejt pubblici u li l-akkwist ta l-imsemmija art ghandhu jsir b'xiri assolut.

Illi l-intimati jaghmlu referenza ghall-Avviz ghall-Ftehim ta l-istess data b'liema avviz huma gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas lilhom ghax-xiri assolut bhala frank u libera tal-proprjeta fuq imsemmija kienet ta tnax-il elf u hames mitt Lira

Maltijan (Lm12,500) kif jidher mill-kopja tar-rapport tal-Perit Fred H Valentino tat-23 ta Mejju 2000 lilhom notifikata ma l-istess avviz.

Ghalhekk ghall-fini u effetti kollha tal-ligi il-mittenti qeghdin bil-prezenti jiddikjaraw li huma ma jaccettawx il-kumpens lilhom offert bil-fuq imsemmi avviz ghall-ftehim u ghalhekk jiddikjaraw u jintimaw lir-rikorrent li l-kumpens minnhom pretiz ghat-tehid ta l-intier tal-fuq imsemmija art imsemmija art taht it-titolu fuq imsemmi huwa ta mija u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm120,000).

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra d-digriet tieghi tal-15 ta Dicembru 2000 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace

Ra r-relazzjoni ta l-imsemmija periti li fiha l-art giet klassifikata bhala fabbrikabbli u stmata fl-ammont ta tmienja u sittin elf u hames mitt lira Maltija (Lm68,500), liema relazzjoni ghanda taghmel part shiha ma din is-sentenza.

Ghalhekk jilqa t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimati jghaddulu b’titolu ta xiri assolut bhala libera u franka bicca art fil-limiti ta Hal Safi tal-kejl circa tlett mija u ghoxrin metri kwadri (320m k) li tmiss mill-majjistral ma proprjeta tal-werrieta ta ta Pia Zammit, mil-Grigal ma proprjeta ta Emanuel Busuttil u mil-Lbic ma Triq Sant’Andrija, skond il-pjanti msemmija fir-rapport tal-periti bil-kumpens ta Lm68,500.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-Nutar li jkun qed jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fos-27 ta April fid-9.00 am fl-ufficcju tar-rikorrent; jahtar lill-avukat Paul Borg Olivier biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci; l-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-

ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord skond l-art 31 tal-Kap 88 kif emendat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------